MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 98/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jesmond Decelis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jesmond Decelis fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, naqas li jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 16 ta’ Ottubru 2003 u moghtija fil-konfront tieghu in kwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ta’ sitt liri Maltin (Lm6) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien. Ghalhekk il-prosekuzzjoni talbet li l-

imsemmi Jesmond Decelis jigi kkudnannat ihallas il-penali msemmija fis-sentenza fuq riferita ghall-perijodu li jibda mis-17 ta’ Dicembru 2003 sad-19 ta’ Mejju 2005, salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Marzu 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Jesmond Decelis hati skond l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-artikolu 76 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannat lill-imsemmi Jesmond Decelis ghall-hlas ta’ penali ta’ tlett elef mija u ghoxrin liri Maltin (Lm3,120) fi zmien 28 gurnata mid-data ta’ dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Jesmond Decelis ipprezentat fl-14 ta’ Marzu 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi ma ssibux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) It-talba hija nulla peress illi qieghed jintalab jaghmel xi haga ghal perijodu li ghadu ma wasalx; (2) Huwa ma ghandu jaghti xejn bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ghalhekk l-iskop tal-multa f’dan il-kaz ma treggix; (3) Huwa ottempera ruhu mad-decizjoni tal-Qorti u ssottometta kopja tar-*returns* fl-14 ta’ Jannar 2005. Ghalhekk semmai il-multa kellha tinahdem sal-14 ta’ Jannar 2005 u mhux sad-19 ta’ Mejju 2005. B’hekk l-imputazzjoni hija nulla; (4) Is-sentenza tas-16 ta’ Ottubru 2003 ma gietx ikkonfermata mill-Ispettur li mexxa l-prosekuzzjoni u l-anqas ma giet ipprezentata kopja legali ta’ l-imsemmija sentenza.

Huwa opportun illi din il-Qorti tittratta qabel xejn ir-raba’ aggravju li jirrigwarda l-kwistjoni ta’ identifikazzjoni ta’ l-appellant. Jigi osservat l-ewwelnett, peress illi l-appellant

jidher li qieghed jippretendi li s-sentenza li ghaliha hemm referenza fl-imputazzjoni kellha tigi kkonfermata minn Spettur tal-Pulizija, illi l-artikolu 83(5) ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta) jipprovdi illi fi procedimenti kriminali ghal reati kontra l-imsemmi Att u kontra xi regolamenti maghmula taht l-istess Att, “il-Kummissarju [tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud] personalment jew kull ufficjal iehor li jissemma’ minnu jista’, minkejja d-disposizzjonijiet ta’ kull ligi ohra, igib il-provi, jittratta u b’kull mod iehor imexxi l-prosekuzzjoni minflok il-Pulizija jew flimkien maghhom”. F’dan il-kaz fil-fatt il-prosekuzzjoni – kemm meta nghatat is-sentenza tas-16 ta’ Ottubru 2003 kif ukoll meta nghatat is-sentenza appellata – tmexxiet minn Paul Scicluna spettur tal-VAT. Issa, meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, huwa pprezenta, kuntrarjament ghal dak li sostna l-appellant, kopja legali tas-sentenza tas-16 ta’ Ottubru 2003 (ara Dok. SP4 a fol. 12 u 13). Minn dik is-sentenza jirrizulta li l-partikolaritajiet ta’ l-imputat f’dik il-kawza huma identici ghall-partikolaritajiet ta’ l-appellant fl-imputazzjoni li dwarha nghatat is-sentenza appellata. Dawn il-partikolaritajiet jaqblu wkoll ma’ dawk fil-fedina penali esebita quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll dik aggornata esebita quddiem din il-Qorti u mnejn tirrizulta wkoll is-sentenza msemmija tas-16 ta’ Ottubru 2003. Barra minn hekk Paul Scicluna xehed quddiem din il-Qorti li huwa jaghraf lill-appellant. Ghalhekk dan ir-raba’ aggravju huwa michud.

Dwar l-ewwel aggravju, l-appellant qieghed jippretendi li din il-Qorti tiddikjara l-imputazzjoni nulla ghax, skond hu, “il-perijodu operattiv tan-nuqqas tal-esponenti qieghed jintalab li jibda mis-17 ta’ Dicembru 2003. Dan huwa impossibbli” ikompli jghid l-appellant, “stante illi d-denunzja tat-taxxa dejjem tintela wara li jiskadi l-perijodu tat-taxxa u mhux qabel u ghalhekk l-esponenti ma jistax jigi kkundannat ta’ xi haga li ghada [*recte:* ghadha] ma avveritx [*recte:* avveratx] ruhha.”

Dan l-aggravju huwa ghal kollox fieragh. L-appellant qieghed jigi akkuzat li naqas milli jikkonforma ruhu ma’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-16 ta’ Ottubru 2003 li permezz taghha kien gie ordnat sabiex fi zmien xahrejn

minn dik id-data jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ta' sitt liri Maltin (Lm6) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien. Dik is-sentenza nghatat wara li nstab hati li naqas milli jissottometti fit-terminu stabbilit id-denunzji tat-taxxa ghaz-zminijiet li ntemmu fil-31 ta' Mejju 2000 u fil-31 ta' Awissu 2000. Jigifieri mhux biss kienu skadew il-perijodi li fihom id-denunzji tat-taxxa kellhom jigu mibghuta, izda sahansitra gie sussegwentement akkuzat li naqas milli jikkonforma ruhu mal-ligi matul il-perijodu ta' xahrejn stabbilit permezz tas-sentenza msemmija tas-16 ta' Ottubru 2003. Per konsegwenza huwa gie mitlub li jhallas multa ekwivalenti ghal sitt liri Maltin (Lm6) kuljum b'effett mis-17 ta' Dicembru 2003. Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa michud.

It-tieni aggravju huwa wkoll fieragh. In-nuqqas li taghmel denunzja ta' taxxa huwa reat daqs kemm hu reat li ma thallasx it-taxxa kif jirrizulta mill-artikolu 76(c) tal-Kap. 406. Barra minn hekk, kif seta' l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jiddetermina li l-appellant verament ma kellux ihallas taxxa jekk ma baghatx id-denunzji relattivi? Konsegwentement dan l-aggravju huwa michud.

In kwantu t-tielet aggravju pero` l-appellant ghandu ragun meta jghid illi huwa ssottommetta kopja tad-denunzji fl-14 ta' Jannar 2005. Difatti, wara differiment li din il-Qorti tat lill-partijiet sabiex jivverifikaw il-kontestazzjoni ta' l-appellant, fis-seduta sussegwenti Paul Scicluna xehed illi effettivament instab illi d-denunzji in kwistjoni gew ipprezentati fl-14 ta' Jannar 2005. Dan ifisser illi l-perijodu li pperdura n-nuqqas ta' l-appellant wara s-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2003 huwa mis-17 ta' Dicembru 2003 sa l-14 ta' Jannar 2005. Dan ma jfissirx illi l-imputazzjoni hija "nulla u bla effett", kif jghid l-appellant, izda li trid issir komputazzjoni differenti tal-multa dovuta. Fil-fatt il-perijodu jikkonsisti fi 394 jum li, bis-Lm6 kuljum, jammontaw ghal Lm2,370.

Din il-Qorti ma tistax, pero`, ma taghmilx is-segwenti osservazzjonijiet: Kif intqal, bis-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2003 l-appellant inghata xahrejn zmien biex

jikkonforma ruhu mal-ligi. Il-*letter to prosecute* wara li kien ghadda dan it-terminu inutilment inhareg mill-ufficcju tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-20 ta' Jannar 2004 (ara Dok. SP1 a fol. 7). Ma tistax tifhem ghalhekk x'kienet ir-raguni li wasslet lill-Pulizija Ezekuttiva li tohrog ic-citazzjoni relattiva fl-20 ta' Mejju 2005, sena u erba' xhur wara. Barra minn hekk jidher li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni effettiva bejn l-Ufficcju tal-VAT u l-appellant li tat lok ghal dewmien biex tigi rizolta l-kwistjoni. Din il-Qorti naturalment mhijiex f'pozizzjoni li tvarja l-multa effettiva ta' Lm2,370 izda l-appellant jista' jaghmel kull talba li jqis opportun a tenur ta' l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' Lm3,120 fi zmien 28 gurnata u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Lm2,370 pagabbli fi zmien tliet xhur millum u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------